**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 25 ta' Settembru 2001**

**Rikors Nru: 3C/98N2**

**Joseph Caruana Curran**

**Vs**

**Victoria Vella**

Il-Bord,

Ra c-citazzjoni:

Illi kontestwalment l-attur qed jipprezenta citazzjoni b' talba ghar- ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet Victoria Vella vs Joseph Caruana Curran, rikors numru 95/B/97, deciza minn dan il-Bord fit-3 ta' Dicembru 1997 billi ma kienx gie notifikat bir-rikors.

Illi l-attur qed jaghti garanzija tajba – Dokument A – annessa ghall-esekuzzjoni tas-sentenza, kemm-il darba ma tigix imhassra, garanzija li tkopri l-hsarat u frottijiet imsemmija fl-artikolu 266 (10) tal-Kapitolu 12.

Illi l-esekuzzjoni tas-sentenza tikkaguna pregudizzju akbar lill-attur, milli t-twaqqif tal-esekuzzjoni jikkaguna lill-konvenuta, u dana billi l-fond 'de quo' jintuza kontinwament biex fih tinhazen merkanzija tal-attur,

Ighid ghalhekk, l-attur ghaliex dan il-Bord, in vista tal-premess, m' ghandux:

1. Jordna t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza, ta' dan il-Bord tat-3 ta' Dicembru 1997, fil-kawza fl-ismijiet Victoria Vella vs Joseph Caruana

Curran, rikors numru 95/B/97 pendenti l-ezitu finali tat-talba ghar-ritrattazzjoni pprezentata kontestwalment.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni

Ra n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta:

1. Illi ic-citazzjoni hija nulla ghaliex ma gietx iffirmata mill-gudikant li suppost ordna c-citazzjoni.

2. Illi subordinatament, ic-citazzjoni hija minghajr bazi peress li r-rikors hemm indikat gie debitament notifikat lill-intimat.

3. Illi din il-kawza saret inutilment u b’ kapricc, ghaliex id-domanda fiha imissha saret u giet inkluza fil-kawza fl-istess ismijiet bic-citaz. 2C/98, u ghalhekk saret biex tipprovoka spejjez gudizzjarji inutili.

Ghalhekk fi kwalunkwe kaz, id-domanda tal-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u dawk tar-rikors 95/97 u tas-sentenza moghtija fit-3 ta’ Ottubru 1997 mill-Bord diversament presedut.

Sema t-trattazzjoni ta’ l-avukati

Ra l-verbal tat-30 ta’ Mejju 2001

Ikkunsidra,

1. Din il-kawza imxiet kontestwalment ma’ dik numru 3C/98 fl-istess ismijiet fejn tinsab ix-xhieda kollha. Hija kawza ghat-twaqqif ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-art 823 tal-Kap 12.

2. Jidher li quddiem il-Bord diversament presedut kien sar ftehim li s-sentenza imsemmija ma tigix esegwita qabel ma l-Bord jiddeciedi il-kawza fl-istess ismijiet 3C/98.

3. Fis-seduta tat-23 ta’ Marzu 1999 il-konvenuta irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha.

4. Billi t-talba fil-kawza fl-istess ismijiet ghar-ritrattazzjoni imsejsa fuq l-art.811 (b) tal-Kap 12 (li giet deciza llum) giet michuda ghar-ragunijiet hemm imsemmija, il-Bord jichad it-talba ghat-twaqqif ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza tat-3 ta’ Dicembru 1997 fl-ismijiet inversi; l-ispejjez jithallsu mill-attur.

Dep.Reg Magistrat